**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgha, 29 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 94/2020BS**

**Ina Marie Xiberras;**
**Andrew Camilleri;**
**Doreen Mizzi;**
**George Joseph Camilleri**
**Christabel Xiberras**

**vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tal-atturi illi ppremettew:**

1. Illi l-atturi Ina Marie Xiberras, Andrew Camilleri, Doreen Mizzi u George Joseph Camilleri huma l-erba' ulied ta' Michael Angel Camilleri;

2. Illi Christabel Xiberras hija n-neputija ta' Michael Angel Camilleri, li jigi n-nannu tagħha.

3. Illi l-imsemmi Michael Angel Camilleri miet fit-tlieta (3) ta' Settembru elfejn u għoxrin (2020) fit-tmienja neqsin kwart ta'

filgħaxija (19:45hr) ġewwa 'Maria', 31st March 1979 Street, Victoria Għawdex u dan kif jidher miċ-ċertifikat mediku u mill-burial permit li huma hawn annessi u mmarkati bħala Dok A u Dok B.

4. Illi l-att tal-mewt ta' Michael Angel Camilleri ma jistax jiġi reġistrat b'mod korrett għaliex fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u għaxra (210) tas-sena elf disa' mija u erbgħin (1940) ommu hija mniżżla bħala Mary mentri fil fatt kien jisimha Michelina.

5. Illi dan iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u għaxra (210) tas-sena elf disa' mija u erbgħin (1940) kif ingħad hawn fuq huwa skorrett għaliex fil-kolonna "Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur" hemm indikat li ommu kien jisimiha "Mary Camilleri at birth Portelli Victoria (Għawdex) Malta" mentri fil-fatt kien jisimha "Michelina"; (Dokument C).

6. Illi l-iskorrettezzi huma kkonfermati mis-segwenti dokument:

    i. Ċertifikat taż-żwieġ ta' Michael Angel Camilleri li juri li ommu jisimha Michelina Camilleri at birth Portelli (Dokument D)
    ii. Ċertifikat tat-twelid ta' ommu Michelina Camilleri nee' Portelli (Dokument E) li juri proprju li jisimha Michelina
    iii. Ċertifikat taż-żwieġ ta' ommu Michelina Camilleri nee' Portelli (Dokument F) li juri proprju li jisimha Michelina
    iv. Ċertifikat tal-magħmudija ta' Michael Angel Camilleri li juri li ommu jisimha Michelina Camilleri xebba Portelli (Dokument G)

7. Illi jirriżulta li dana huwa żball ċar li pero' qed iwassal għal problemi biex joħroġ iċ-ċertifikat tal-mewt ta' missier l-istess rikorrenti;

8. Illi din il-proċedura qiegħda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv mitejn u għaxra (210) tas-sena elf disa' mija u erbgħin (1940) billi fejn hemm "Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur" għar-rigward tal-omm il-kliem "Mary Camilleri at birth Portelli Victoria (Għawdex) Malta" jiġu sostitwiti bil-kliem "Michelina Camilleri at birth Portelli Victoria (Għawdex) Malta".

2. Tordna li l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bl- inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex illi eċċepixxa:**

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirremetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi nonostanti l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ukoll li saru d-debiti publikazzjonijiet.

Rat l-affidavits ta' l-atturi.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-attur fir-rikors qed jagħmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Mill-atti jirriżulta li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku jirriżulta li t-talba ta' l-atturi ma hix opposta.

Wara li l-Qorti fliet l-Artikoli preċitati u in vista tal-fatti esposti kif ukoll fid-dawl li ma kien hemm ebda oppożizzjoni da parti tal-konvenut għat-talbiet tal-attur tqis li t-talbiet ta' l-attriċi għandhom jigi milqugha.

Billi ma jirriżultax xi tort jew nuqqas da parti tal-konvenut allura dan m'għandux ibati spejjeż.

**Decide.**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi in toto.**

**L-ispejjeż ta' din il-kawza huma a karigu ta' l-attrici.**

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
D/Reġistratur